# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 21**

**Rikors numru 1290/10 JA**

**Julia Manduca u Matthew Douglas-Fryer**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti dwar il-kap tal-ispejjeż fejn akkollat l-ispejjeż tal-kawża fuq ir-rikorrenti, u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti u minflok tilqa' l-

eċċezzjonijiet tiegħu, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-istess rikorrenti.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat minn Julia Manduca u Matthew Douglas-Fryer fil-15 ta' Diċembru 2010 li permezz tiegħu ppremettew:
>
> > 1. "Illi fil-31 ta' Ottubru 2009 twieldet bint ir-rikorrenti u fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ġie mniżżel li kunjomha hija Hannah Douglas-Fryer (Dok A).
> >
> > 2. "Illi dan kien żball tal-partijiet billi f'dak iż-żmien kienu għadhom taħt *shock* / eċċitati. Illi l-partijiet mhux miżżewġin.
> >
> > 3. "Illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet li Hannah tieħu l-isem "Hannah Douglas-Fryer Manduca".
> >
> > 4. "Illi huwa importanti li l-isem jiġi mibdul issa qabel ma t-tifla tmur l-iskola.
>
> "Għaldaqstant jitolbu li din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi:
>
> "(i) tordna l-korrezzjoni ta' isem binthom fiċ-ċertifikat tat-twelid sabiex isimha jkun Hannah Douglas-Fryer Manduca.
>
> "Il-konvenut huwa nġust għas-subizzjoni.
>
> "Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.
>
> "Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fl-24 ta' Jannar 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:
>
> > 1. "Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
> >
> > 2. "Illi *in limine litis* ukoll ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw taħt liema artikolu tal-liġi huma qiegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom ħalli b'hekk l-esponenti jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk

ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti tindika taħt liema dispożizzjoni tal-liġi hi qegħda tesperixxi l-proċeduri istanti;

3. "Illi madankollu mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk ir-rikorrenti qiegħdin jibbażaw l-pretensjonijiet tagħhom taħt l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent umilment jirrileva li dan mhuwiex applikabbli għal każ odjern. Dan għaliex l-imsemmi Artikolu 253 jitkellem biss dwar *"korrezzjoni jew tħassir"*. It-talba għal żieda ta' kunjom ieħor ma hijiex frott ta' żball iżda bdil fl-intenzjoni u għalhekk it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda. Li kieku tali talba kellha tintlaqa', ikun hemm instabbiltà kbira fil-kunjomijiet *stante* li kull minn ifettillu jibdel fehemtu jistgħa jitlob għal bdil jew żieda fil-kunjom li wieħed għandu jaddotta.

4. "Illi fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 292A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li mis-sena 2007 'l hawn il-ġenituri tat-tarbija għandhom jiddikjaraw liema kunjom it-tarbija għandha tuża. Fil-każ *de quo*, id-dikjarazzjoni tal-ġenituri Julia Manduca u Matthew Douglas-Fryer indikat li l-kunjom li se tuża t-tarbija Hannah huwa ta' Douglas-Fryer biss. *Ergo* ma hemm l-ebda lok għal użu mod ieħor tal-kunjom tal-imsemmija minuri Hannah.

5. "*In finis*, mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. "Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

"Rat l-affidavits tal-atturi nomine;

"Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ġunju 2011 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

"Ikkunsidrat;

"Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

"Illi jirrizulta li l-atturi riedu li isem binthom jitniżżel biż-żewġ kunjomijiet tagħhom u kien minħabba l-eċċitament li kellhom li

dan ma sarx u kwindi it-talba hija ġustifikata. Ma jidhirx li il-konvenut jaħti għall-iżball u allura m'għandux ibati spejjeż.

"**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

"**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-istess atturi**."

**Rikors tal-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (31.10.2011)**

**3.** Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ħass ruħu aggravat minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

**4.** Jispjega li l-motiv tal-aggravju tiegħu huwa ċar u jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti naqset milli tagħti dawk ir-raġunijiet li fuqhom hija sejset id-deċiżjoni tagħha skont kif jesiġi l-Artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jilmenta li għalkemm l-ewwel Qorti indikat li t-talba tar-rikorrent ġiet magħmula ai termini tal-Artikolu 253 et seq. tal-Kodiċi Ċivili, naqset milli tagħti approfondiment adegwat fuq ir-*ratio legis* ta' kif tali talba ġiet akkolta minnha bl-applikazzjoni ta' dawn l-artikoli.

**5.** Huwa jispjega li l-*mens legis* wara l-Artikolu 253 huwa li jipprovdi l-possibilita` li wieħed jitlob għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet (u għalhekk il-kunjom jew kunjomijiet huma esklużi) li bihom kien magħruf u konsistentement imsejjaħ minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-Att tat-Twelid relattiv ai termini tal-Artikolu 253(2) kif ukoll il-possibilita` li wieħed jitlob għall-korrezzjoni tal-Att a termini tal-Artikolu 253(1).

**6.** Ikompli jgħid li skont l-Artikolu 292A, l-indikazzjoni ta' x'kunjom ser taddotta t-tarbija għandha tingħata fil-mument meta jingħata l-Avviż tat-twelid permezz tal-konsenja ta' dikjarazzjoni magħmula mill-ġenituri tat-tarbija li fiha jkun hemm indikat il-kunjom li t-tarbija se tuża. Jispjega li f'dan il-każ ir-rikorrenti appellati indikaw li l-kunjom li se tuża t-tarbija tagħhom Hannah huwa "Douglas-Fryer" biss.

**7.** Isostni li l-liġi nostrali ma tipprovdi għal ebda bidla sussegwenti fil-kunjom ħlief taħt dak kontemplat fl-Artikolu 253(1) u cioe` f'każ ta' żball sorrett mill-att ta' status ċivili. Jargumenta li l-"eċitament u x-shock" li r-rikorrenti setgħu kellhom fil-mument tar-reġistrazzjoni ta' binthom ċertament ma jistax jaqa' fl-ambitu ta' żball kopert taħt l-Artikolu 253(1) u dan għaliex tali artikolu jipprovdi biss għal korrezzjoni ta' żball oġġettiv li jinstab fl-att innifsu u mhux għal korrezzjoni ta' żball soġġettiv ta' intenzjoni.

**<u>Risposta tal-appell tar-rikorrenti appellati (07.11.2011)</u>**

**8.** Ir-rikorrenti appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**9.** Fl-ewwel lok jgħidu li mhux minnu li l-ewwel Qorti naqset milli tagħti r-raġunijiet li fuqhom sejset id-deċiżjoni tagħha. Jirreferu wkoll

għas-sentenza mogħtija minn din il-qorti fil-kawża **Mifsud v. Mangion** (01.06.1988) fejn ġie ritenut li r-rekwiżit tal-motivazzjoni impost bl-Artikolu 218 tal-Kap. 12 ikun sodisfatt meta l-qorti tiddikjara li taqbel mar-raġunijiet mogħtija mill-perit legali.

**10.** Dwar l-Artikolu 253(1) u l-argument tal-intimat li dan jipprovdi biss għall-possibilita` li wieħed jitlob għar-reġistrazzjoni tal-isem u mhux tal-kunjom, huma jgħidu li ma jaqblux ma' tali interpretazzjoni u jsostnu li jekk ikun hemm żball huwa ġust u ekwu li jiġi korreġut. Jaċċennaw għall-fatt li kif indunaw bl-iżball huma mill-ewwel ħadu passi.

**11.** Inoltre jgħidu li mhux minnu li korrezzjonijiet fil-kunjom mhux permessi mil-liġi. Jgħidu li hemm diversi sentenzi fejn persuni li dejjem użaw kunjom minflok dak reġistrat fl-Att tat-Twelid tagħhom fil-fatt irnexxielhom jottjenu korrezzjoni fl-istess Att tat-Twelid tagħhom. (**Andrew Attard sive Dowling v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** 25/05/1993 PA) u **Robert Dowling Attard v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** 09/04/2002 PA).

**<u>Sfond</u>**

**12.** Fil-31 ta' Ottubru 2009 twieldet tifla, Hannah, bint ir-rikorrenti Julia Manduca (eta` 18) u Matthew Douglas-Fryer (eta` 30). Huma jispjegaw li għalkemm l-intenzjoni tagħhom kienet li binthom tieħu l-kunjomiet

tagħhom: "Douglas-Fryer Manduca", bi "żball" tagħhom hija ngħatat biss il-kunjom tal-missier: "Douglas-Fryer". Jispjegaw li huma mhux miżżewġin u li dak iż-żmien li twieldet it-tifla tagħhom kienu għadhom taħt shock/eċitati. Għalhekk għamlu din il-kawża sabiex issir korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha f'dan is-sens.

## L-ewwel Qorti

**13.** L-ewwel Qorti irriteniet li t-talba saret ai termini tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili. Apprezzat li kien minħabba l-eċċitament li kellhom il-ġenituri li binthom ma tniżżlitx bil-kunjomijiet tagħhom it-tnejn iżda tal-missier biss u għalhekk sabet li t-talba tagħhom kienet ġustifikata ai termini tal-artikoli msemmija.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti

**14.** Kif tajjeb spjega l-intimat, ladarba l-intenzjoni tar-rikorrenti kienet li binthom tieħu l-kunjomiet tagħhom it-tnejn, allura huma kellhom skont l-Artikolu 292A jagħmlu dikjarazzjoni f'dan is-sens:

> *"292A. Min jagħti l-avviż tat-twelid għandu wkoll jikkonsenja dikjarazzjoni mill-ġenituri tat-tifel li fiha jkun hemm indikat il-kunjom li t-tifel ikun ser juża fit-termini ta' artikolu 4(3) jew tal-artikolu 92, u dak il-kunjom għandu jkun reġistrat fil-kolonna taħt l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-Kunjom" fl-att ta' twelid minnufih wara dak l-isem jew ismijiet. Meta ma ssirx dikjarazzjoni bħal dik fil-każ ta' tifel imnissel u mwieled fiż-żwieġ, kunjom il-missier għandu jitqies li jkun ġie hekk dikjarat, u fil-każ ta' tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, kunjom xbubit l-omm għandu jitqies bħala l-kunjom hekk dikjarat."*

**15.** Ma jidhirx li l-atturi appellati għamlu tali dikjarazzjoni u għalhekk it-tifla ġiet reġistrata bil-kunjom "Douglas-Fryer" biss, u cioe` bil-kunjom ta' missierha.

**16.** Il-kwistjoni kollha f'din il-kawża hija jekk dan il-fatt jistax jiġi korreġġut abbażi tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili. L-ewwel Qorti spjegat li tali talba kienet ġustifikata iżda r-rikorrenti mhux biss jilmentaw li hija ma tatx approfondiment adegwat ta' kif it-talba tar-rikorrenti kienet qed tiġi akkolta bl-applikazzjoni ta' tali artikoli, iżda anzi jsostnu li ċ-ċirkostanzi ma jinkwadraw taħt l-ebda artikolu u għalhekk it-talba kellha tiġi miċħuda.

**17.** L-Artikolu 253(1) u (2) jistipulaw hekk:

> *(1) "Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-reġistrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jirċievi."*
>
> "*(2) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa:*
>
> "*Iżda, t-talba ġudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv.*"

**18.** Kif wieħed jista' jara, skont l-Artikolu 253(2) jista' jintalab li jinbidel l-isem ta' persuna li tidher fuq iċ-ċertifikat tat-twelid għal dak li bih l-istess persuna hija konsistentement imsejħa (anke jekk huma ismijiet kompletament differenti minn xulxin). Ma jeżistix provvediment simili fir-rigward tal-kunjom, u cioe` biex jinbidel il-kunjom kif reġistrat fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta' persuna sempliċiment għax il-persuna in kwistjoni hija magħrufa b'kwalsiasi kunjom ieħor.

**19.** Hawnhekk ukoll, pero`, kif tajjeb osservaw r-rikorrenti appellati fir-risposta tal-appell tagħhom, hemm sentenzi fejn persuni effettivament irnexxielhom jottjenu l-awtorizzazzjoni biex ibiddlu kunjomhom minn kif imniżżel fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tagħhom. Kemm qorti tasalx biex tawtorizza bdil fil-kunjom ta' persuna jew le jidher li jiddependi sostanzjalment mill-bdil li jkun qed jintalab. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet **Robert Dowling Attard v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku**[1] il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili awtorizzat il-bdil ta' kunjom minn "Dowling Attard" għal "Dowling" in vista tal-fatt li l-attur kien dejjem magħruf b'tali kunjom. Il-"bdil" tal-kunjom f'tali każ kien jirrikjedi sempliċiment it-twaqqiegħ ta' wieħed minn żewġ kunjomijiet. Fil-kawża fl-ismijiet **Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku**,[2] invece, din il-qorti (diversament komposta) ċaħdet it-talba għal bdil ta' kunjom minn "Schembri" għal "Damian-Schembri". Għalkemm kien irriżulta li l-

[1] **Robert Dowling Attard v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (P.A. 09.04.2002 – RCP)
[2] **Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (App Sup. 16.12.2003)

attur (li jismu Damian) mal-milja tas-snin beda jikteb kunjomu "Damian-Schembri", il-qorti irriteniet li ma kienx ġustifikat li hija tagħti timbru uffiċjali għal dan l-"istil" u għalhekk ċaħdet it-talba. L-istess kien ġara fil-kawża **Nardu Balzan Imqareb v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku**[3], kawża fejn l-attur kien ried ibiddel kunjomu minn "Balzan" kif jidher fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu għal "Balzan Imqareb". Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet irriteniet li ma jidhirx li taħt il-liġi nostrana dak li jkun bis-sempliċi volonta` tiegħu jista' jippretendi li jbiddel kunjomu jew jesiġi ratifika anke jekk għalih isarraf bħala xi sinjal distintiv tal-identita` tiegħu.

**20.** Issa fiċ-ċirkostanzi odjerni mhux qed jintalab li "jinbidel" il-kunjom ta' bint ir-rikorrenti, iżda li dan jiġi "ikkorreġut" peress li bi żball, (jew aħjar bi "żvista" minħabba l-istat li kienu fih dak iż-żmien) ir-rikorrenti ma segwewx il-proċedura skont l-Artikolu 292A sabiex jindikaw li riedu jagħtu lil binthom il-kunjomijiet tagħhom it-tnejn.

**21.** L-Artikolu 253(1) jipprovdi li tista' tintalab "korrezzjoni" ta' reġistrazzjoni. Kuntrarjament għal dak li jargumenta l-intimat, dan l-artikolu ma jispeċifikax x'tip ta' "żball" jista' jiġi koreġut u għalhekk fil-fehma ta' din il-qorti l-"iżvista" tar-rikorrenti tista' tinkwadra taħtu. Hija għalhekk taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata taħt dan l-artikolu.

[3] **Nardu Balzan Imqareb v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (P.A. 30.06.2004 – PS)

**22.** Għal dawn il-motivi din il-qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**23.** L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-intimat appellant**.**

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb